MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tas-26 ta' April, 2012

Talba Numru. 255/2008

**Korporazzjoni EneMalta**
**Vs**
**V&C Contractors Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' tlett elef, erba' mija u ghaxar ewro u tmienja u sebghin centezmu (€3410.78) in linea ta' danni f'*cable* tad-dawl propjeta' tal-Korporazzjoni attrici, u liema danni gew ikkawzati mis-socjeta' konvenuta jew impjegati taghha nhar l-24 ta' Mejju, 2005 gewwa Ta' Falka, limiti tal-Mosta; bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal- 20 ta' Gunju, 2006, tal-imghax legali dekoribbli mid-data tal-istess ittra ufficjali, u bis-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socejta' konvenuta fejn eccepiet illi t-talba attrici ghandha tigi michuda: 1. preliminarjament stante li t-talba attrici hija preskritta a tenur tal- artikolu 2153 tal-kapitlu 16; 2. fil-mertu u minghajr pregudizzju

ghas-suespost, il-Korporazzjoni attrici ghandha tipprova d-danni allegatament subiti minnha; 3. fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta' konvenuta hadmet b'diligenza, u skont il-ligi u ma kkawzat l-ebda danni lill-Korporazzjoni attrici; 4. fir-raba' lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija esagerata u mhux gustifikata; 5. salv eccezzjonijiet ulterjuri; bl-ispejjez kontra l-Korporazzzjoni attrici. Bl-ispejjez kontra l-Korporazzjoni attrici.
Ra x-xhieda ta' Eric Montfort rapprezentant tal-Korporazzjoni Enemalta;

Ra x-xhieda ta' Charles Fenech prodott mill-Korporazzjni attrici;

Ra x-xhieda ta' PC 554 George Zammit prodott mill-koproazzjoni attrici;

Ra x-xhieda ta Vince Borg direttur tas-socjeta konvenuta u prodott mis-socjeta konvenuta.

Ra n-nota ta' riferenza tas-socjeta konvenuta prezentata nhar it-28 ta' Frar
2011;

Sema' t-trattazzjoni orali tal-avukat difensur tas-socjeta' konvenuta;

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ra l-verbal tas-seduta tad-19 ta' Frar 2012 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:-**

Fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2008 ir-rapprezentant legali tas-socjeta konvenuta irtirat ir-raba' eccezzjoni taghha.

Fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2009, in vista tax-xhieda tas-Sur Eric Montfort ghall-Korporazzjoni Enemalta w l-ittra ufficjali datata 20 ta' Gunju 2006, l-avukata difensur legali tas-socjeta' konvenuta rtirat l-ewwel eccezzjoni taghha ossia li t-talba hija preskritta.

Dwar il-mertu:-
Il-Korporazzjoni attrici isostni li hija s-socjeta' konvenuta li hi reponsabbli ghad-danni ghall-hsara ikaggonta minhabba x-xoghol tat-thaffir li kienet qieghda taghmel is-socjeta' konvenuta fit-Triq Ta' Falka, limiti tal-Mosta. Min-naha l-ohra is-socjeta' konvenuta tikkontesta li hi qatt ma kienet tistgha tinzamm responsabbli ghall-hsarat ghaliex il-*markings* tas-socjeta' attrici kienu hziena.

Mix-xhieda prodotta mill-Korporazzjoni attrici, l-incident sehh nhar l-24 ta' Mejju 2005, fil-Mellieha. Dan gie fil-konjizzjoni tal-Korporazzjoni attrici ghaliex kien irrapurtat minn terzi li parti mill-Mellieha kienet minghajr dawl. Ix-xhud Charles Fenech (Principal Distribution Technical Officer) ghamel l-investigazzjonijiet u irrizulta illi l-*cable* bejn il-Mosta u l-Mellieha kien mitfi.

Skont ix-xhieda tal-istess Charles Fenech, kien dar ir-rotta ta' dan il-*cable* u sab illi fiz-zona maghrufa bhala ta' Falka u cioe t-triq li taghti bejn il-Mosta u z-Zebbiegh kien hemm *cable* mikxuf li deher milqut. Il-*cable* kien wiehed tat-33v u kien hemm *cable* iehor milqut maghruf bhala '*pilot cable'* li huwa ghat-telefon u ghar-*relays* biex joperaw il-*breakers*. Charles Fenech dak il-hin ma rax nies jew haddiema pero' ra makkinarju w ingenji bl-isem ta' V&C Contractors Limited fuqhom. Ix-xogholijiet li kienu qeghdin isiru kienu ghal progett tal-*Italian Protocol* li kien jikkonsisti fi qlugh u rikostruzzjoni tat-triq mill-gdid. Skont ir-rekords kienet is-socjeta' Polidano Bros li kellhom jaghmlu dan ix-xoghol pero' l-ingenji kienu tas-socjeta' konvenuta. Ix-xhud jikkonferma li kien baghat impjegati biex jindikaw fejn kienu ghaddejjin il-*cables* u li kienu ltaqghu m'impjegati ta' Polidano Bros. Il-hsara li kellu il-*cable* kien kompattibli ma' hsara ta' *heavy plant machinery.* Hu kkonferma wkoll li kien ghamel rapport lill-pulizija, liema rapport jinsab esebit fl-atti, a folio 38 *et seq*. Ix-xhud

ikkonferma ukoll li kienu ghamlu t-tiswijiet necessarji u hu seta' jikkonferma biss illi l-materjal li hemm indikat fil-prosepett intuza kollu.

PS 554 George Zammit xehed nhar l-1 ta April 2009 u pprezenta r-rapport tal-okkorrenza datat 28 ta' Marzu 2009, esebit fl-atti u mmarkat Dok GZ, a folio 38 *et seq*. Pero' ddikjara li hu personalment ma kien jaf xejn dwaru. Mir-rapport johrog illi kemm Charles Fenech u kif ukoll Victor Borg kienu tkellmu mal-pulizija. Mir-rapport johrog illi l-*cable* kien ta' tlieta punt erbgha (3.4) metri ta' distanza minn fejn kellu jkun u dan skont l-istqarrija ta' Vincent Borg.

Is-socjeta' konvenuta pproduciet lil Vincent Borg, direttur tas-socjeta V&C Contractors Limited, li kkonferma li l-impjegati tieghu kienu qeghdin jahdmu fit-triq Ta' Falka fil-limiti tal-Mosta u li kienu nkarigati jaghmlu dan ix-xoghol minn Polidano Bros. Ltd u ghalhekk hadu x-xoghol bhala *sub-contractor* ta' Polidano Bros Ltd. Iddikjara li huma kienu qeghdin jifthu t-trinek sabiex jghaddu s-servizzi. Ikkonferma illi kienu jigu haddiema tal-korporazzjoni attrici biex jaraw l-andament tax-xoghol u jimmarkaw biz-zebgha mal-art minn fejn kienu ghadejjin il-*cables* tad-dawl ezistenti fuq is-sit. Iddikjara li huma kellhom wara jahdmu f'distanza ta' metru punt tnejn (1.2) 'il-boghod mill-marki taz-zebgha. Ikkonferma li kienu huma li laqtu l-*cable* fl-24 ta' Mejju 2005 pero' l-*cable* kien jinsab 'il boghod hafna mill-marki taz-zebgha li kienu ghamlu r-rapprezentanti tal-Enemalta, dan kien distanza ta' *circa* erba metri u nofs (4.5). Ikkonferma illi kien tkellem mal-pulizija u li meta gew biex jirrangaw il-*cable* milqut ix-xoghol ta' thaffir ghamilhom hu.

It-Tribunal f'din il-kawza jrid jikkunsidra l-provi li gew pprezentati lilu a bazi tal-principju "*ei incumbit probatio qui dicit non e qui negat*". halhekk jinkombi fuq is-socjeta' attrici li ggib prova ta' dak li qieghda tallega fl-avviz taghha.

Illi f'din il-kawza ma hemmx kontestazzjoni illi ntlaqat *cable* tad-dawl tat-33v, u li dan ntlaqat mis-socjeta

konvenuta waqt li kienet qieghda taghmel xoghol tal-iskavar. Illi hareg ukoll li l-impjegati tal-Enemalta kienu ghamlu il-*marking*s biz-zebgha biex jindinkaw minn fejn kienu ghadejjin il-*cables*.

Id-diverbju allura huwa dwar il-htija ghal-hsara ta’ dawn il-*cables*, ghaliex ghalkemm Vincent Borg ammetta li l-impjegati tieghu laqtu *cable* huwa xehed illi l-*cable* kien xi erba’ metri u nofs ‘il boghod mill-marka li kienu ghamlu l-impjegati tal-Enemalta. (Ghalkemm fir-rapport tal-pulizija huwa mnizzel li kienu tlieta punt erbgha (3.4 metri) ara folio 39 tal-process). Ghalhekk il-kontestazzjoni ta’ din il-talba taggira fuq dawn il-*markings*. Min-naha taghha il-Korporazzjoni attrici ma gabitx prova ta’ fejn kienu l-*markings* u ma ngabux ritratti tas-sit biex jghinu t-Tribunal.

Huwa principju ben konoxxut illi l-prova tal-htija tas-socjeta’ konvenuta f’kawza civili hija differenti ghal kollox minn kawza kriminal u ghanda tkun fuq bilanc ta’ probabilitajiet. It-Tribunal ghandu jikkunsidra wkoll jekk id-danni reklamati mill-Korporazzjoni attrici kienu konsegwenza diretta w immedjata tal-agir tas-socjeta’ konvenuta. Ghalhekk iried jigi ppruvat ness kazwali bejn l-kondotta tas-socjeta’ konvenuta u d-danni kawzati. Skont il-principju li kull persuna trid thallas ghal-hsara li tigri bil-htija taghha (artikolu 1031 tal-Kodici Civili) ghall-iskop tal-htija, dan in-ness kawzali irrid bilfors jkollu rabta ma’ agir kolpuz.

Illi fil-kaz ta’ appaltatur, bhalma hija is-socjeta konvenuta, huwa fatt accettat fil-gurisprudenza li l-appaltatur ghandu l-obbligu jesegwixxi xoghlu sew u li x-xoghol li ser jaghmel ikun skont is-sengha w l-arti u jrid jippresta kapacita’ ordinarjarja: *“l’imprenditore ha l’obbligo di eseguire bene l’opera comessagli second dettami dell’arte sua e deve prestare almeno un capacita ordinaria”* (volum XXVII PI p.373). Ghalhekk “huwa ghandu jiggarantixxi l-bonta tax-xoghol tieghu u din il-garanzija hi implicita tant li huwa tenut anke ghal-kolpa lievi” (volum XLI PI p 667), [ara wkoll sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-6 t’Ottubru 2004, u s-sentenza mghotija

mill-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet “Go plc v Richard Cachia” deciza 12 ta’ Jannar 2011]. Ghalhekk kuntrattur ghandu jiehu l-prekawzjonijiet kollha mehtiega biex jkun jista’ jaghmel ix-xoghol tieghu w jaghmlu sew [ara wkoll is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet “Anthony Ventura noe vs Raymond Galea et” nhar il-31 ta’ Lulju 1996].

Illi pero fit-talba odjerna, bhalma huwa l-prassi f’dan it-tip ta’ xoghol, qabel ma bdiet ix-xoghol ta’ thaffir (u dan ikkonfermat miz-zewg partijiet) il-Korporazzjoni attrici ghamlet il-*markings* biex turi fejn kienu ghaddejin il-*cables* in kwistjoni. Illi t-Tribunal ihoss illi ghandu joqghod fuq il-verzjoni ta’ Vincent Borg li haffer ‘il boghod hafna mill-marka indikata u dan ukoll ghaliex m’hemmx provi li jindikaw il-kuntrarju ta’ dan. It-Tribunal ihoss illi l-fatt li hadmu b’distanza ta’ circa erba (4) metri mill-marka huwa bizzejjed biex wiehed jiddetermina li s-socjeta’ konvenuta prestat kapacita’ ordinarja u li hadet il-prekawzjonijiet necessarji.

Ghaldaqstant u ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jhoss illi l-grad probabtorju rikjest mill-ligi ma kienx soddisfatt ghal dak li jirrigwarda htija kolpuza da parti tas-socjeta’ konvenuta u ghalhekk ghandu jistrieh fuq il-verzjoni tas-socjeta’ konvenuta li f’dan il-kaz hi bizzejjed. Fl-opinjoni ta’ dan it-Tribunal il-verzjoni tas-socjeta’ konvenuta hi bizzejjed biex jiskagunawa mill-htija.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal, filwaqt li jichad t-talbiet attrici, jilqa’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta.

L-ispejjes kollha ghandhom jigu sopportati mill-Korporazzjoni attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------